

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibli.
- 2) D. Kolarova għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata li tbat i-ispejjeż sostnuti mill-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Frar 2014 – ZZ vs CdT**(Kawża F-12/14)**

(2014/C 184/65)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet**Rikorrent:** ZZ (rappreżentanti: N. Cambonie, D. Ciolino u E. Macchi, avukati)**Konvenut:** Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT)**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea li tiċħad it-talba mressqa mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal sabiex tiġi adottata deċiżjoni ta' apoloġija u ta' kumpens għad-dannu li huwa allegatament sostna.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tas-CdT, jew inkella tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ittra tal-avukat li jirrappreżenta lis-CdT bid-deċiżjoni tal-10 ta' April 2013, u sa fejn huwa meħtieġ, id-deċiżjoni konfermatorja tas-CdT tat-8 ta' Novembru 2013 li tiċħad it-talba għal teħid ta' deċiżjoni tar-rikorrent;
- jiddikjara lis-CdT responsabbli għad-danni sostnuti mir-rikorrent, u għaldaqstant jalloka d-danni lir-rikorrent fl-ammont ta' EUR 306 733,60 għad-dannu materjali u EUR 130 000 għad-dannu morali, jew kwalunkwe somma oħra superjuri li għandha tiġi ddeterminata mit-Tribunal, jew minn opinjonijiet ta' esperti;
- jikkundanna lis-CdT għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2014 – ZZ vs Il-Parlament**(Kawża F-15/14)**

(2014/C 184/66)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet**Rikorrent:** ZZ (rappreżentant: A. Salerno, avukat)**Konvenut:** Il-Parlament Ewropew**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annulament tad-deċiżjoni tal-Parlament li jirrexxindi l-kuntratt ta' xogħol tar-rikorrent fi tmiem il-perijodu ta' estensjoni tal-perijodu ta' prova tiegħu.